## Lil Ninu Cremona

*F'għeluq id-disgħin sena tiegħu: 27-5-1880 – 27-5-1970*

(Miktuba għall-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret f'ġiehu fil-Liceo, Għawdex)

*Bla qies l-għotjiet mogħtija mn' Alla 'l-bniedem,*
*ta' ġid jew għerf, mifruda jew flimkien,*
*iżda fuq kollox timraħ, tiddi u togħla*
*l-għotja li tgħajjex kull ġid kullimkien.*

*Iż-żmien: li jlibbes u jċaqlaq bil-għana*
*f'ħidmiet qawwija tal-moħħ u ta' l-id,*
*li jbiegħed l-hemm qalil ta' ħajja kiebja*
*sabiex jostorha f'hena jew tbaħrid.*

*Hekk l-għana jlellex f'xi ħaġriet ta' siwi*
*għalkemm bla ħajja, ħajja jagħtu l-imsejknin*
*iżda bla żmien jintemmu l-waħda u l-oħra*
*għalhekk iż-żmien meħtieġ biex ħadd ma jnin.*

*Il-għerf sabiħ, iżda iktar ħtieġa għalina*
*mexxejja l-qtajja' ta' l-iflien dellija;*
*għalhekk nixtiequ l-ħajja ttul, biex darba*
*naraw b'tagħlim ta' dawl l-imħuħ mimlija.*

*Immela l-ġid, il-għerf, il-ġieħ u l-hena*
*dirgħajhom igħollu 'l fuq ilkoll flimkien*
*biex tul ta' ħajja b'kotra jinżel fuqhom*
*f'milja li tagħni fil-għana taż-żmien.*

*Għalhekk, Għażiż Sur Nin illum minn qalbna*
*bħal aħwa Għawdxin intennu bla mistrieħ*
*bi tsienna bnin u safi, f'leħen qawwi*
*kif sew jixraqlek vrus ta' l-akbar ġieħ.*

*Għax is-setgħani lilek żejjen bosta*
*mhux biss fil-qalb u l-moħħ b'setgħet waħdana*
*Iżda wkoll tak iż-żmien biex lilhom tħaddem,*
*żmien twil u għani bil-ħidmiet kotrana.*

*Żmien ta' taħriġ, ta' studju u ta' tbatija,*
*għawġ ta' kull lewn kif taf tagħti n-natura*
*biex int stajt tilmaħ fost il-ferħ ta' Ġensek*
*b'xi mod it-Tabor tal-letteratura.*

*Żmien ta' taqbida li ma jafx bil-għajja,*
*ġiri f'pajjiżi, xogħlijiet u skejjel*
*li kif biż-żrar jinbnew l-għoljiet sas-sħab*
*hekk il-ġieħ tiegħek ħadd ma jista' jkejjel.*

*Iżżi ħajr 'l Alla ta' din l-għotja kbira*
*ta' disgħin sena għomor ta' kull ġieħ,*
*W aħna flimkien nixtiequ iktar ħajja*
*għaliex ilsienna bik sab il-mistrieħ.*

*Iżd'int ma tmutx fil-kitba ta' lsien artna*
*u tibqa' ħaj fil-qalb u l-moħħ Maltin*
*fejn mafkar għoli lilek jibqa' jfakkar*
*bir-rand imdawwar liedna w ġiżimin.*

*Biex ġens ġejjieni jara fik ix-xempju*
*ta' mħabba siewja lejn din l-art Maltija*
*illi għal tul ta' żmien ġo sidrek ħabbtet*
*qalb kollha mħabba bla serħan mimlija.*

26.v.1970 Kan. M.A. APAP